MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 2313/2003

**Christian Bonello**

**vs**

**C.F.S. Construction Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Novembru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' elf lira Maltija (Lm1000.00) rappresentanti depozitu akkont tal-prezz imhallas fuq konvenju datat 18 ta' Gunju, 2003, redatt quddiem in-Nutar Mario Bugeja, liema konvenju skada fid-19 ta' Settembru, 2003, flimkien mal-imghax legali dekorribbli mid-19 ta' Settembru, 2003;**
**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Ottubru 2003, u bis-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-attur fl-4 ta' Mejju, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta`, peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' elf lira Maltija (Lm1000.00) bl-imghax legali mid-19 ta' Settembru, 2003.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 13 ta' Ottubru, 2003, ghandhom jigu sopportati unikament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------